



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Lulju 2022
(OR. en)

9868/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0178 (NLE)

ECOFIN 575
UEM 169

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98
fir-rigward tal-introduzzjoni tal-euro fil-Kroazja

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98
fir-rigward tal-introduzzjoni tal-euro fil-Kroazja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 140(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew¹,

¹ Opinjoni ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98¹ jipprevedi s-sostituzzjoni tal-euro għall-muniti tal-Istati Membri li jkunu ssodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro fiż-żmien meta l-Komunità tkun daħlet fit-tielet stadju tal-unjoni ekonomika u monetarja.
- (2) Skont l-Artikolu 5 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2012, il-Kroazja hija Stat Membru b'deroga, kif definit fl-Artikolu 139(1) tat-Trattat.
- (3) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/... ta' ... 2022²⁺, il-Kroazja tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro u d-deroga rigward il-Kroazja għandha titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2023.
- (4) L-introduzzjoni tal-euro fil-Kroazja teħtieġ l-estensjoni għall-Kroazja tad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar l-introduzzjoni tal-euro li huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 974/98.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni tal-euro (ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1).

² Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/... ta' ...2022 dwar l-adozzjoni tal-euro mill-Kroazja fl-1 ta' Jannar 2023 (ĠU L ..., ..., p.).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru u d-data tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tinsab fid-dokument ST 9867/22 u kkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

- (5) Il-Pjan Nazzjonali tal-Kroazja għall-Bidla għall-Euro jispeċifika li l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro għandhom isiru valuta legali f'dak l-Istat Membru fil-jum tal-introduzzjoni tal-euro bħala l-munita tiegħu. B'konsegwenza ta' dan, jwnhtieg li d-data tal-adozzjoni tal-euro u d-data ta' bidla fil-munita tkun l-1 ta' Jannar 2023. Jenħtieġ li ma japplika l-ebda perjodu ta' "eliminazzjoni gradwali".
- (6) Jenħtieġ għalhekk, li r-Regolament (KE) Nru 974/98 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 974/98, tiddaħħal l-entrata li ġejja bejn l-entrata għal Franza u l-entrata għall-Irlanda:

“il-Kroazja	fl-1 ta' Jannar 2023.	fl-1 ta' Jannar 2023.	Le”
-------------	-----------------------	-----------------------	-----

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
